MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 325/2011

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ppremetta:

Illi huwa zzewweg lill-intimata C B fil Knisja ta San Girgor, Tas-Sliema fis-sebgha u ghoxrin (27) ta Gunju elf disa' mija hamsa u disghin (1985) skond certifikat taz zwieg hawn anness u mmarkat Dok "A";

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta Frar elfejn u wiehed (2001) minn Nutar

Christine Abela, skond kopja hawn annessa u mmarkata Dok “B”.

Illi l-partijiet kelhom tlett itfal, D li twieled fis-26 ta Novembru 1985, F li twieled fit-18 ta Settembru 1989 u E li twieled fit-22 ta Mejju 1991 li ghalhek llum huma kollha maggoreni u dan skond certifikati tat-tweleid hawn annessi u mmarkati Dok “C” “D” “E”;

Illi l-possibilta ta rikonciljazzjoni ma martu giet diskussa ma l-Avukat sottoskritta u inghata mill-istess Avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin skond dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok “F”, izda l-esponenti esprima ruhu fin negattiv.

Illi l-esponenti dejjem hallas il manteniment lil martu u lill uliedu skond l-artikolu 2b u l-artikolu 3 tal kunratt ta separazzjoni surreferit u ghadu hekk jaghmel sad data ta llum;

Illi ghaddew erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jezistu l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara li z-zwieg tieghu ma C B hu mahlul u li ghal dan il ghan tippronunzja d-divorzju bejn il partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal Ligi tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minnha, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b’hekk l-istess divorjzu ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta l-annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok “A”;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet:

1. Illi preminarjament, jigi sottomess illi r-rikrorenti ma kienx prezenti fil-gzejjer Maltin meta gie intavolat ir-rikors promotur, u ghalhekk jirrizulta n-nullita’ ta’ dawn il-proceduri;
2. Illi, fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, u f’kaz li jigi ppruvat li r-rikorrent kien prezenti fil-gzejjer Maltin nhar it-3 ta’ Novembru 2011, u cioe’ meta gie intavolat ir-rikors, it-talbiet promoturi ghandhom jigu michuda u dana minhabba :
i) Ir-rikorrent jahdem barra minn Malta u barra mill-Unjoni Ewropea, u hemm biza fondata li f’kaz li jintlaqghu it-talbiet promoturi u jinhall iz-zwieg tal-partijiet, il-manteniment ma jibqax jithallas regolarment;
ii) Iz-zieda skont l-indici tal-gholi tal-hajja fuq il-manteniment kif obbligat ihallas skont il-kuntratt ta’ separazzjoni ipprezentat fl-atti bhala Dok B, qatt ma thallsu;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Novembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat il-verbal taghha tat-30 ta’ Marzu 2012 illi permezz tieghu l-intimata irtirat l-eccezzjonijiet kollha taghha ghar-rikors odjern;

Semghet ix-xiehda illi tat l-intimata viva voce;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dan peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta Frar 2001;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, kif ukoll illi ulied il-partijiet illum huma kollha maggorenni u ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimata mir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------